# Il-Ħadd 10.07.2022

1. It-Tnejn 11/07:
   - Fil-7:00pm – Laqgħa ġenituri u abbatini fiċ-Ċentru Pastorali.

2. Il-Ħamis 14 ta' Lulju fis-7pm ikun hawn il-laqgħa ghall-animaturi u letturi fil-Knisja.

3. Il-Ġimgħa 15/07:
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom.

4. Avviżi oħra:
   - Infakkar li qed nagħmlu sejħa għal abbatini ġodda.
     It-tfal subien li huma mħajrin - minn dawk li għamlu l-Preċett 'il fuq – jinkitbu fis-sagristija.

- Matul din il-ġimgħa inbeda xogħol ta' manutenzjoni fuq l-orgni tal-Knisja, minħabba xi ħsarat li inqalgħu fil-ġimgħat li għaddew. Fil-bidu tax-xogħol ġie innutat li xi partijiet mill-injam tal-orgni ġew attakkati mis-susa (fosthom il-pedaliera, l-manwal u xi partijiet oħrajn mill-console) u għalhekk inqalgħu mill-ewwel u ttieħdu għall-fumigazzjoni bil-gass biex ma ssirilhomx ħsara. Xi partijiet oħrajn mill-orgni, flimkien mal-injam tal-gallarija ser jingħataw trattament fuq il-post bħala prevenzjoni. Tajjeb li nieħdu ħsieb u nipproteġu dan l-wirt, li għal dawn l-aħħar 98 sena sebbaħ kif xieraq iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-Parroċċa tagħna. Għalhekk napprezzaw kull donazzjoni li wieħed jista joffri b'risq dan l-għan u nirringrazzjawkom bil-quddiem.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 200 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti prinċipali ta' restawr;
   - € 100 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja;
   - € 50 bħala donazzjoni għall-proġett tal-qniepen
   - € 655 (890) mill-envelopes b'risq il-festa ta' San Pawl. Grazzi.

6. Matul din il-Ġimgħa għadda għall-ħajja ta' dejjem Victor Chetcuti..Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.